MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 992/1997/1

**L-Avukat Dottor Lawrence Pullicino LL.D.**

**v.**

**Victor Camilleri bhala Editur u**

**Paul Spiteri bhala Stampatur tal-gurnal "Il-Mument"**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezenta l-attur fil-5 ta' Mejju, 1997, u li jaqra hekk:

> "Peress illi fil-Bullettin tal-Ahbarijiet ta' Radio 101 tal-12a.m.tat-22 ta' April, 1997, li kopja tat-traskrizzjoni tieghu hi hawn esebita bhala Dok. A. u li kopja tat-tape recording tieghu hi hawn esebita bhala Dok. B, il-konvenut Gordon Pisani bhala awtur u l-konvenut Richard Muscat bhala editur tal-istess stazzjon tax-xandir bir-radjo, taw malafama lill-attur u attribwewlu fatti inveredici u dizonoranti li ijistghu jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku u huma ingurjuzi fil-konfront tieghu, anki ghax f'certi partijiet ir-rapport hu assolutament falz u bla bazi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
>
> "Peress illi l-konvenuti, bhala Editur u stampatur rispettivament tal-gurnal "IL-MUMENT", fil-pagna 32 tal-istess gurnal fil-harga tal-Hadd, 27 ta' April, 1997, b'artikolu intitolat: "Kien hemm fil-Partit Laburista min ried jaghti mahfra lil Pullicino" – "Il-maggoranza assoluta kienet kontra l-proposta", huma taw malafama lill-attur u ppublikaw fatti inveredici u dizonoranti fil-konfront tieghu li jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku, u ingurjawh gravament, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana bil-ksur tal-ligi tal-Istampa; Jghidu l-konvenuti, ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhomx jigu dikjarati (1) li ingurjaw u taw malafama lill-attur bl-istampat fuq imsemmi bi ksur tal-ligi tal-Istampa, u 2. ghaliex m'ghandhomx jigu ghalhekk minn din il-Qorti kundannati li jhallsu lill-attur, dik is-somma li tigi minn din il-Qorti likwidata, in linea ta' danni lilu dovuti ghall-istess malafama u ingurja stampata ghat-tenur tal-Art. 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, flimkien mal-imghax mid-data tas-sentenza.
>
> "Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:

"1. Preliminarjament illi l-konvenut Paul Spiteri mhux azzjonabbli taht il-Ligi dwar l-Istampa (Kap. 248) kif emendata bl-Att X tal-1996 u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"2. Fil-meritu illi l-artikolu mhux libelluz fil-konfront tal-attur.

"3. Subordinatamanet u bla pregudizzju ghas-sueccipit illi l-artikolu in kwistjoni jammonta ghall-kumment (fair comment) konsistenti f'opinjoni u apprezzament tal-konvenut Camilleri dwar fatti sostanzjalment korretti. L-eccipjenti ghandu dritt jesprimi fehemtu u jghamel kritika dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku u dan kemm taht il-Ligi dwar l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni u kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civli fit-28 ta' Mejju, 2010, li in forza taghha l-kawza giet deciza:

"… … … billi, prevja l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-konvenut-stampatur Paul Spiteri, tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut-editur Victor Camilleri u, konsegwentement, tikkundannah ihallas lill-attur in linea ta' danni ghall-ingurja bl-istampat is-somma ta' elf seba' mija sebgha u erbghin euro (€1747), bl-ispejjez ta' din l-istanza u bl-imghaxijiet mid-data ta' dan il-gudizzju."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-istanza prezenti hi wahda mahsuba ghar-responsabilita` civili ta' tixrid ta' affermazzjonijiet di fronte ghall-attur ippubblikati fil-harga tal-gurnal "Il-Mument" tas-27 ta' April, 1997 u ghas-sanzjoni relattiva taht il-ligi ta' l-Istampa (Kapitolu 248). F'din il-pubblikazzjoni, li kienet ripetizzjoni ta' xandira fuq Radio 101, inghad illi l-attur, *qua ex*-Kummissarju, qed ikun trattat differenti minn prigunieri ohra ghaliex:-

“1. mhux qed jinghalaq fic-cella bejn in-nofs siegha u s-saghtejn ta’ wara nofsinhar u c-cella tieghu qed tithalla miftuha meta hu jkun fiha;

“2. ta’ spiss jinzel fl-Outside Gate tal-Habs, post fejn il-prigunieri mhux suppost jithallew jinzlu;

“3. jithalla jaghmel tnejn jew tliet *contact visits* fil-gimgha meta r-regolamenti jghidu li kull prigunier jista’ jkollu *contact visit* wahda. Oltre dan, dawn il-viziti jdumu bejn siegha u nofs u saghtejn kull darba meta suppost li jdumu tliet kwarti;

“4. gieli kellu zjarat ghal gharrieda minn xi vizitaturi u xorta wahda thalla jiltaqa’ maghhom minkejja li suppost meta tkun ser issir xi zjara l-prigunier jinforma lill-awtoritajiet biz-zjara;

“5. l-attur kellu appuntament l-isptar fejn ittiehed minn zewg ufficcjali ta’ l-Ispecial Response Team meta s-soltu l-prigunieri jkunu eskortati minn ufficcjali tal-Mobile Squad;

“6. qieghed jithalla jaghmel uzu minn ufficcju li hu mghammar bi skrivanija, telefon u fax. Barra minn dan qed jithalla jcempel x’hin irid;

“7. jidher li xoghol l-attur f’dan l-ufficcju jidher li ghandu x’jaqsam mal-konsulenza li qed jaghti lill-Gvern dwar il-bini ta’ habs gdid fl-Imtahleb;

“Fl-Affidavit tieghu (fol. 15) l-attur jssenjala b’mod partikolari l-kontenut tal-paragrafi 3, 4, 6 u 7 fl-esposizzjoni fuq migjuba u jghid li hu hassu offiz bihom in kwantu permezz ta’ dawk l-allegazzjonijiet lilu holqulu hafna attrit u “*bad blood*” bla bzonn ghaliex prigunieri ohra bdew jahsbu li hu nghata xi privileggi li huma ma kellhomx;

“Minn naha tieghu l-konvenut Victor Camilleri jiddefendi ruhu billi jghid li l-artikolu ma kienx libelluz fil-konfront ta’ l-attur u, f’kull kaz, kien jammonta ghal “*fair comment*” dwar fatti sostanzjalment korretti u, addizzjonalment, li kellu

dritt jesprimi fehmtu u jaghmel kritika dwar kwestjonijiet ta’ interess pubbliku kemm a norma tal-ligi dwar l-Istampa, kif ukoll skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

“Mill-mod kif inhi impostata din id-difiza din tista’ tinqara sew bhala “*exceptio veritatis*” sew ukoll bhala l-bazi ta’ l-eccezzjoni tal-“*fair comment*”. Dan huwa indott mill-fatt ghaliex fl-ewwel lok, kif ritenut, illi d-difiza li l-artikolu mhux libelluz u l-verita` tal-konvicju ma jidhrux li huma inkompatibbli wahda ma’ l-ohra, (ara “**Onor. Henry Jones *et* -vs- Anthony Zammit *et***”, Appell Kriminali, 29 ta’ Settembru 1947). Fit-tieni lok, ghaliex min jassumi l-prova tal-verita tal-fatti ankorke ingurjuzi minnu attribwiti lil haddiehor, ghandu jipprova dawk il-fatti fl-estensjoni taghhom kollha kif huwa jkun attribwihom (ara “**Vincenza Turaglia -vs- Manwel Calleja**”, Appell Kriminali, 29 ta’ Settembru, 1949 u “**Reginald G. Miller -vs- Harold Scorey**”, Appell Kriminali, 8 ta’ Novembru, 1952). Minn naha l-ohra, din il-Qorti ghandha ghaliex tahseb illi mhix ta’ din in-natura d-difiza intentata mill-konvenut izda pjuttost dik abbinata mal-fatt tal-“*fair comment*”, anke jekk hawn ukoll, fl-ahhar mill-ahhar biex il-*fair comment* jitqies gustifikat, ghandu jigi determinat ukoll illi l-fatti attribwiti huma wkoll veri fil-kompletezza taghhom. Ara wkoll “**Angelo Fenech *proprio et nomine* -vs- Anthony Montanaro *et nomine***”, Appell Civili, 21 ta’ Jannar, 1993. Hu x’inhu, fiz-zewg kontingenzi l-prova relattiva taggrava fuq il-konvenut u huwa bizzejjed biex jinstab responsabbli jekk jigi accertat illi dak riportat ma jkunx jikkorrispondi ghall-verita` sostanzjali u huwa ma ghamelx l-indagini necessarja biex jasal ghall-verita`;

“Dan premess, ta’ min jinnota qabel xejn illi l-provi rilevanti jinsabu kompilati f’zewg processi, u, cjoe, dak odjern u dak l-iehor fl-ismijiet “**Dr. Lawrence Pullicino -vs- Richard Muscat *nomine et***” (Citazz. Nru. 123/98/GV) finalment deciz minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-30 ta’ Jannar, 2006. Ghandu jinghad illi f’dik il-kawza l-ohra l-Qorti sabet, fuq ir-rizultanzi istruttorji quddiemha, lill-konvenuti hatja ta’ l-addebiti libelluzi kontra l-attur bix-xandira fuq Radio 101 ta’ l-istess fatti ppubblikati fil-gurnal u dan ghaliex, fuq il-fehma taghha, il-fatti principali hemm indikati ma gewx sostanzjalment ipprovati u li, anzi, l-attur wasal biex jipprova li l-istess fatti huma inveritiera u, konsegwentement, kull kumment jew kritika ma kelliex tigi ritenuta gusta gjaladarba mhix bazata fuq fatti li rrizultaw veri;

Issa fil-kaz prezenti tressqu provi addizzjonali u allura din il-Qorti trid izzomm prezenti mhux biss dawk il-fatti rakkolti f’dak il-kaz l-iehor izda wkoll il-provi fl-inkartament ta’ dan il-process. Meta dawn jigu distillati kif ghandu jkun,

minghajr elaborazzjonijiet zejda ghac-cirkostanzi li ma ghandhom ebda konnessjoni mal-mument storiku tal-pubblikazzjoni, il-fatti precipitati jistabilixxu sintetikament dan li jsegwi:-

"1. Skond ix-xhud Vincent Vassallo, Senior Correctional Officer, l-attur gieli cempel mill-ufficcju tieghu u dan sija lill-Avukat tieghu, kif ukoll membri tal-familja. B'danakollu, dejjem skond dan ix-xhud, gieli cemplu prigunieri ohrajn, l-aktar jekk dawn kien ikollhom problemi familjari. Fil-kuntest isemmi lill-prigunier Craydon Pace, u kien hu stess li jaghtih permess icempel. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 103;

"2. Fuq din il-kwestjoni tat-telefonati hu ammess ukoll mix-xhud Barnard Zahra, responsabbli mis-Security fil-Habs, illi mill-ufficcju ta' l-Ispecial Response Team kien hemm zmien meta kienu diversi l-prigunieri li kienu jcemplu mit-telefon f'dan l-ufficcju. Huwa jsemmi lil Bertu Ellul, lil John Bugeja, lil "Bully" u lil "Pips". Dan partikolarment meta mill-ufficcju kien responsabbli Simon Buttigieg. Ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 153;

"3. Ukoll, ix-xhud Richard Zammit (fol. 186) jaccetta li kien hemm minoranza ta' prigunieri li kienu jaghmlu telefonati mill-ufficcju sija ta' Simon Buttigieg kif ukoll mill-Ufficcju tal-SRG. Fuq domanda specifika lilu posta mill-Avukat tal-konvenut dwar jekk kienux isiru aktar minn telefonata wahda mill-attur, dan ix-xhud testwalment wiegeb illi "kien hemm prigunieri ohra li mxejna maghhom bl-istess mod kif imxejna ma' Dr. Pullicino. Jekk hemm bzonn li jsiru tliet telefonati u dan ghadu jigri sal-gurnata tal-lum" (fol. 191 in calce);

"4. Fil-kuntrast ta' dawn id-deposizzjonijiet hemm dik tax-xhud l-Assistent Kummissarju Emanuel Cassar, ex Direttur tal-habs u fil-mument tal-pubblikazzjoni kien spicca minn Direttur (31.08.95 sal-10.02.97), li jafferma li l-attur kien jaghmel telefonati aktar minn normal u minn ufficini differenti (ara xhieda tieghu a fol. 86). Wiehed hawnhekk ma jistax ma jinnotax illi, b'kumbinazzjoni jew le, id-dikjarazzjoni ta' dan ix-xhud tikkorrispondi kwazi fedelment ghal dik asserita fl-istampat tal-gurnal, u dan, mhux limitatament ghal fatt tat-telefonati;

"5. Jirrizulta bhala fatt illi verament l-attur kien jinzel hdejn l-Outside Gate imma anke dan pero` ma kienx isir mill-attur wahda. Hekk ukoll kienu jaghmlu

xi hames prigunieri ohra. Ara xhieda tas-Supervisor Stephen Zammit (fol. 162) u ta' l-ex Kuntistabbli Alfred Flatley (fol. 167 *et sequitur*). Dan fiz-zmien qabel ma tlestiet l-Outside Gate l-gdida ghall-habta tal-bidu ta' l-1998;

"6. Kwantu ghal *contact visits* jinghad mix-xhud PC 850 Simon Buttigieg bhala ufficcjal responsabbli mill-viziti illi ghal min jahdem il-prigunieri kellhom aktar minn vizta wahda. Dawn kienu jigu bbukkjati mill-prigunieri. Skond Emmanuel Cassar (fol. 141) l-imsemmi Simon Buttigieg u l-assistenta tieghu Anna Vella, li lilhom hu nnifsu ddelegalhom dan il-kompitu, qatt ma abbuzaw minn kemm jakkordaw vizti. Ukoll hawn ma jistax jonqos li jigi osservat, similment ghal kif ikkonstatat mill-Qorti fid-decizjoni l-ohra, illi l-istess Emmanuel Cassar, filwaqt li esebixxa r-*records* tal-vizti ta' l-attur ghall-perijodu bejn Novembru 1997 u Dicembru 1998, naqas milli jipproduci r-*records* relativi ghaz-zmien anterjuri ghall-pubblikazzjoni;

"7. Ukoll in mertu ghal hin tal-vizti x-xhud Simon Buttigieg spjega li l-visti ta' l-attur kienu jdumu minn 45 minuta sa siegha ghal min kien jitlob dik l-*extension*. Dan gie hekk ikkonfermat mix-xhieda tal-Maggur Henry Glenville, Eleno Galea, Michael Vella, Joseph Degabierle u Anthony Mizzi fil-process l-iehor. Kwantu ghal zjarat ghall-gharrieda dawn kienu jkunu permessi bl-awtorizzazzjoni ta' min kien hekk responsabbli;

"8. Dwar l-addebitu li l-attur kellu ufficcju mghammar ghalih, apparti l-izmentita ta' l-istess attur fl-Affidvat tieghu u fix-xhieda fil-kawza l-ohra (seduta 12 ta' Mejju, 1999), l-ufficju in kwestjoni kien wiehed adibit ad uzu ta' Spettur, zewg Surgenti u gwardjan. Dejjem skond ix-xhud Richard Zammit (fol. 186) "qatt ma kelli direttiva mis-Sur Cassar biex Dr. Pullicino ma jersaqx fl-ufficcju taghna". Ta' min jirrileva illi skond l-istess Emmanuel Casar (fol. 210) hu kien a konoxxenza ta' dan, anke jekk mhux bl-approvazzjoni tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar jammetti li "Dr. Pullicino ma kienx qed jikser regolamenti";

9. Finalment, in kwantu ghall-addebitu ta' konsulenzi, l-ex-Direttur tal-Habs Peter Cordina jiddikjara li fil-perijodu 1997 sa l-1999 kien hu li fittex jikkonsulta lill-attur fuq pjanijiet ghall-estensjoni li kien qed isir dak iz-zmien fil-Habs ta' Kordin u dwar bini ta' Habs gdid fl-Imtahleb. Dan ix-xhud jispjega li hu kien jiehu li jista' minghand id-*detainees* u offra b'ezempju l-kaz ta' prigunier iehor li ghenhom fis-sistema tal-kompjuters;

"Konsiderati kif imiss il-fatti premessi kif jinzlu mill-provi, l-ewwel osservazzjoni li trid issir hi din. Essenzjalment, illi x-xhieda ta' Emmanuel Cassar, u sa certu punt dik ukoll ta' Bernard Zahra (li incidentalment missieru Joseph Zahra kien ukoll Editur tal-gurnal "In-Nazzjon") mhix affidabbli u m'ghandiex piz debitu fil-konfront ta' l-attur. Dejjem mill-istess kwadru tal-fatti, u fit-tieni lok, illi l-fatti ppubblikati gew imqeghda b'mod illi jaghtu lill-qarrej l-impressjoni falza u ingurjuza illi l-attur kien qieghed jinghata trattament preferenzjali fil-paragun

ma' prigunieri ohra, meta tali ma kienx il-kaz. Fit-tielet lok, u bil-kontra ta' dak asserit mill-konvenut, anke b'certa insistenza f'Nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-fatti ma gewx provati u fis-sustanza lanqas ma kellhom korrispondenza fil-verita`. Fir-raba' lok, la l-fatti ma kienux sostanzjalment korretti, u, anzi, irrizulta, b'mod inekwivoku u inkontrastabbli, illi l-attur, *qua* prigunier, ma kienx qed jinghata trattament privileggjat, il-konvenut lanqas jista' jitqies "*fair*" u "bona fide", anke ghaliex l-attur irnexxielu jiddisdici dak li nkiteb dwaru;

"Hi l-fehma ta' din il-Qorti, meta dak ikkummentat jew ikkritikat bl-istampat jigi mqieghed fl-ambitu tal-fatti esposti fil-kumpless taghhom u tac-cirkostanzi generali tal-kaz, ma jistax legittimament jinghad illi l-fatti gew tabilhaqq sostanzjalment ipprovati. Huwa veru illi l-konvenut jirrikorri sussidjarjament ghal certi enuncjazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja u ohrajn pronunzjati mill-Qrati lokali izda, kif kellha okkazjoni tosserva l-Qorti ta' l-Appell, sede Inferjuri, ghalkemm indubitament dawk id-decizjonijiet joffru profili ta' interess fuq il-materja u huma validi kwantu ghall-principju tal-liberta` ta' l-espressjoni, fl-istess waqt wiehed lanqas ma jista' jaccettahom fl-astratt imma ghandu jkollhom sussidjarjeta mill-fattispeci konkreti accertati u verifikati. Dan, *multo magis*, fl-ambitu ta' dak il-principju, ukoll konkordi, li jesigi illi biex il-kumment jew kritika jitqiesu gusti jrid jirrizulta li l-fatti relatati jkunu jikkorrispondi sostanzjalment ghall-verita. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu r-rekwizit predominanti tal-verita tal-fatti esposti ghandu b'oggett l-essenza u s-sostanza tal-kontenut informattiv <u>shih</u> ta' l-ahbar ippubblikata jew imxandra. Ara "**Roderick Galea -vs- Miriam Dalli**", 9 ta' Jannar, 2009;

"Dan hawnhekk ma huwiex il-kaz u allura l-Qorti tahseb illi ghall-qarrej oridnarju l-impressjoni li nghatat bl-istampat hi dik li jghid u jsostni l-attur, ossija li l-attribuzzjonijiet tal-fatti addebitati mhumiex veri, u tali jikkostitwixxi ingurja ghaliex tpingih ikrah mal-prigunieri l-ohra. Kif inghad f'decizjoni tal-Qorti Ingliza per Lord Denning "*failure to establish this defense at the trial may properly be taken in aggravation of damages*" ("**Associated Leisure -vs- Associated Newspapers**" (1970; 2QB 450), citata ukoll b'approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell, sede Inferjuri, in re: "**Richard Cachia Caruana -vs- Dr. Angelo Farrugia**", 13 ta' Marzu, 2009). Dan qieghed jigi sottolinejat ghaliex anke jekk si tratta ta' attur prigunier xorta wahda ma kellux jigi assoggettat ghat-trattament irregolari impunement meta jinqabzu l-limiti tal-kumment gust jew tal-kritika oggettiva fir-rikostruzzjoni storika tal-fatti;

"Naturalment, hemm qbil mad-difiza tal-konvenuti illi l-konvenut Paul Spiteri, *qua* stampatur, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, billi dan, f'dik il-veste, hu hekk azzjonabbli *in subsidium* jekk l-awtur tal-kitba jew l-editur ma jkunux jistghu jigu hekk identifikati. Ara Artikolu 23 tal-Kapitolu 248 kif emendat bl-Att X tas-sena 1996."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Victor Camilleri li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tirriforma s-sentenza tat-28 ta' Mejju, 2010 fl-ismijiet premessi billi (i) filwaqt illi tikkonfermaha fejn illiberat lill-konvenut Paul Spiteri mill-osservanza tal-gudizzju, (ii) tirrevokaha fejn laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut appellanti u kkundannatu jhallas is-somma ta' elf seba' mija seba' u erbghin Euro (€1747) in linea ta' Danni ghall-ingurja u fejn ikkundannatu jhallas l-ispejjez tal-kawza inkluz tal-konvenut Paul Spiteri.
>
> Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tichad dan l-appell u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili (Prim' Awla) tat-28 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet premessi."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ta' malafama b'rizultat ta' artikolu li deher fil-harga tal-gazzetta "Il-Mument" tas-27 ta' April, 1997. F'din il-pubblikazzjoni gie asserit illi l-attur qed igawdi minn privileggi waqt id-detenzjoni tieghu fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Dawn l-allegati privileggi gew senjalati bhala punti 1 sa 7 fil-bidu tal-motivazzjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti, riprodotta fil-bidu ta' din is-sentenza. L-ewwel Qorti sabet favur l-attur u kkundannat lill-konvenut Victor Camilleri jhallas is-somma ta' €1747 in linea ta' danni, wara li qieset li l-konvenut ma rnexxielux jipprova l-verita` tal-allegazzjonijiet ippubblikati u wara li qieset l-istess bhala li qabzu l-limiti ta' kumment gust.

Il-konvenut misjub responsabbli appella mis-sentenza u ssottometta li saret evalwazzjoni skorretta tal-provi u tal-ligi.

Trattat l-appell, din il-Qorti tara li ghandha tibda biex tafferma li mhux kull allegazzjoni ta' fatt, li jirrizulta li mhux veru, ghandu jitqies li hu malafamanti. Il-malafama timmanifesta ruhha meta ssir hsara ghar-reputazzjoni ta' dak li jkun; jista' jkun li dak li jkun ippubblikat ma jkunx "fair", izda dan ma jfissirx necessarjament li dik il-pubblikazzjoni tkun ingurjuza ghad-dinjita` ta' dik il-persuna.

Fil-kawza **Brent Walker Group plc v. Time Out Ltd** [1991] 2 QB 33 deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza, intqal minn Bingham LJ is-segwenti:

> "*The civil law of libel is primarily concerned to provide redress for those who are the subject of false and defamatory factual publications. Thus in the simplest case A will be entitled to relief against B if B publishes a defamatory factual statement concerning A which B cannot show to be true. The law is not primarily concerned to provide redress for those who are the subject of disparaging expressions of opinion, and freedom of opinion is (subject to necessary restrictions) a basic democratic right. It is, however, plain that certain statements which might on their face appear to be expressions of opinion (as where, for example, a person is described as untrustworthy, unprincipled, lascivious or cruel) contain within themselves defamatory suggestions of a factual nature. Thus the law has developed the rule already mentioned that comment may only be defended as fair if it is comment on facts (meaning true facts) stated or sufficiently indicated. Failing that, the comment itself must be justified.*"

L-enfasi hija fuq il-htiega li l-allegazzjonijiet ikunu malafamanti, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-persuna milquta u l-fama tieghu. Hekk, per ezempju, li tallega li persuna fil-Facilita` Korrettiva qed tithalla ccempel meta trid u qed tithalla f'postijiet fejn ohrajn ma jithallewx, ma jistax jitqies li jammontaw ghal hsara ghar-reputazzjoni ta' dak li jkun, anke jekk mhux veru dak li ntqal. Dak li jkun ikollu dritt jirribatti dak allegat fuqu, izda ma jistax jinghad li allegazzjonijiet simili huma malafamanti. Se mai, stqarrijiet simili ma jaghmlux gieh lill-amministrazzjoni tal-Facilita` Korrettiva, tant li jkun jista' jinghad li din qed tagixxi b'favoritizmu, li hi allegazzjoni malafamanti fil-konfront tal-istess amministrazzjoni; pero`, li tallega li detenut irnexxielu jakkwista privilegg, ma hix allegazzjoni malafamanti fl-assenza ta' allegazzjoni ta' korruzzjoni.

F'dan il-kaz, ma gietx allegata forma ta' korruzzjoni da parti tal-attur, izda li l-attur qed "jithalla" jagixxi b'mod mhux tas-soltu mill-amministrazzjoni, allegazzjoni li aktar titfa' dell ikrah fuq l-istess amministrazzjoni milli fuq l-attur. Il-fatt li ufficjali tal-habs approvaw jew ma opponewx ghall-agir tal-attur huwa attakk fuq l-amministrazzoni, izda mhux malafamanti ghall-attur li seta' uzufruwixxa ruhu mis-sigurta` laxka adoperata fil-konfront tieghu.

Apparti dan ma jirrizultax li l-allegazzjonijiet kontenuti fil-gurnal imsemmi huma daqshekk nieqsa mill-verita` li ma jiggustifikawx difiza ta' "*fair comment*". Fl-ewwel lok ird jinghad li l-attur ma hux bniedem komuni, izda ex-Kummissarju tal-Pulizija li nstab hati mill-qrati kriminali ta' komplicita` fid-delitt ta' offiza gravi fuq persuna li kienet detenuta fil-Facilita` Korrettiva li giet segwita bil-mewt taghha l-attur hija persuna "*in the public eye*". Ghalhekk, kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz fl-ismijiet **Da Haes et v. Belguim**, deciza fid-29 ta' Novembru, 1995:

> "*… … … the general interest in a public debate which has a serious purpose outweighs the legittimate aim of protecting the reputation of others, even if such debate involves the use of wounding or offensive language.*"

Fit-tieni lok, biex wiehed jirnexxi bid-difiza ta' "*fair comment*" mhux mehtieg, kif qalet l-ewwel Qorti, li l-fatti jkunu veri fil-kompletezza taghhom, izda bizzejjed li

jkunu <u>sostanzjalment</u> korretti. Fil-ktieb ta' **<u>Gatley on Libel and Slander</u>**, (pagna 707 et seq) jinghad li biex din id-difiza tkun tista' tigi sostnuta.

> "*1. It must be based on facts contained in or referred to in the publication complained of:*
>
> *"2. The facts must be <u>sufficiently true</u> to make the comment fair:*
>
> *"3. If the comment contains an imputation of corrupt or dishonest motives or perhaps any inference of fact the comment must be shown to be justifiable.*
>
> *"4. The comment be such as fairly to be described as criticism.*
>
> *"5. The comment must represent the honest opinion of the commentator and he produced it without malice.*"
>
> (sottolinear ta' din il-Qorti)

F'dan il-kaz, jirrizulta li fil-waqt li kull detenut huwa intitolat ghal telefonata wahda kuljum li ma tistax iddum aktar minn sitt minuti, l-attur kien jithalla jcempel minn diversi ufficini u jcempel kemm irid. Dan hu kkonfermat mid-Direttur tal-Habs stess, li x-xhieda tieghu giet skartata mill-ewwel Qorti ghax tixbah dak li gie rrapportat – decizjoni li din il-Qorti ma tistax taqbel maghha, aktar u aktar meta tqis li hemm ufficjali ohra li jikkoroboraw din l-istorja. Fil-fatt, xhud partikolari jghid li l-uniku prigunier li kien jithalla jaghmel telefonati mid-Dog Section kien l-attur, li kien ukoll l-uniku persuna li kien jithalla jinzel hemm. Jirrizulta wkoll li kien hemm hinijiet fissi meta c-cellel jinaghlqu u

jinfethu, b'hin differenti ghal dawk li jahdmu fil-kcina u fil-bakery. L-attur, li la kien jahdem fil-kcina u lanqas fil-bakery, kien igawdi bil-hinijiet estizi bhal min jahdem fil-kcina jew fil-bakery. Jirrizulta wkoll li l-attur (u xi hames prigunieri ohra) kien ta' spiss jinzel u jithalla hdejn l-Outside Gate, opportunita` li kienet tinghata lil min kien jahdem fil-post, izda li l-attur ma kienx wiehed minnhom. Irrizulta wkoll li ghal min jahdem fil-Facilita` Korrettiva, kellu aktar minn vizita wahda; l-attur ma kienx jahdem, izda xorta kien ikollu aktar minn vizita wahda. Hemm provi wkoll li l-viziti tal-attur kienu jdumu, bhala hin, aktar minn dak normali.

Jidher, ghalhekk, illi dak li ntqal fil-gazzetta kien sostanzjalment veru. Minn fejn u kif il-gazzetta gabet l-informazzjoni mhux rilevanti ghall-kaz, ghax gurnalizmu investigattiv ghandu dejjem jigi protett, anke jekk jista' jirrizulta xi zball fir-rapportagg. Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li osservat fil-kawza **Galea v. Mifsud**, deciza fit-3 ta' Frar, 2012 fejn intqal hekk dwar xoghol li stampa:

> "*Gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampia protezzjoni f'socjeta` demokratika. Anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist, xorta jibqaghlu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta' <u>gurnalizmu investigattiv serju</u>, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat. Fil-fatt, fil-kawza* ***Aquilina noe v. L-Avukat Generali et****, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja inkwistjoni: "Fil-kawza* ***Galea v. Mifsud****, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu <u>investigattiv</u> ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u*

*responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed fair o meno (ara ez.* ***Victor Pace v. Joe Azzopardi et,*** *Qorti tal-Appell 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet* ***Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL*** *[2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)). Dan kollu pero`, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih."*"

*"… … …*

*"Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ricensuri tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem moghtija fid-19 ta' Jannar 2010, fil-kaz fl-ismijiet* ***Laranjeira Marques da Silva v. Portugal****. Dak il-kaz kien jittratta artikolu ppubblikat mill-applikant bhala gurnalist wara akkuza li politiku u tabib kien abbuza sesswalment minn pazjent. Il-Qorti Ewropea qalet li meta l-gurnalist instab hati ta' malafama kien inkisirlu d-dritt tieghu ghal-liberta` ta' espressjoni, ghax hu fl-interess pubbliku li l-media taghti informazzjoni dwar dak li fihom nies pubblici jkunu involuti. Fil-Press Release mahruga mir-registratur tal-Qorti Ewropea, id-decizjoni tal-Qorti Ewropea giet hekk imfissra:*

"*"The applicant's conviction for defamation:*

*"The Court accepted that the disputed articles had dealt with matters of general interest, as the public had the right to be informed about investigations concerning political activities. Furthermore, the issues before the courts could be discussed at any time in the press and by the public.*

*"As to the nature of the two articles, the Court pointed out that Mr Laranjeira Marques da Silva had simply imparted information concerning the criminal proceedings in question, despite adopting a critical stance towards the accused. The Court observed in that connection that it was not its place or that of the national courts to substitute their own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted. As to the editor's note,*

> *the Court took the view that, notwithstanding one sentence which was more properly to be regarded as a value judgement, it had had a sufficient basis in fact in the broader context of the media coverage of the case.*
>
> *"Hence, while the reasons given by the national courts for Mr Laranjeira Marques da Silva's conviction had been relevant, the authorities had not given any pressing social reasons justifying the interference with the applicant's right to freedom of expression. The Court further noted that the penalties imposed on the applicant had been excessive and liable to discourage the exercise of media freedom.*
>
> *"The Court therefore held, by five votes to two, that there had been a violation of Article 10."*

"Anke, f'dan il-kaz, il-materji riferibbilment ghall-attur appellant kienu ta' interess generali, u ghalhekk sakemm dawk l-allegazzjonijiet jigu investigati b'mod serju u prudenti minn gurnalist u minghajr motivi jew skopijiet ulterjuri (tali motivi u skopijiet ulterjuri normalment ikunu subdolament travizati) ma jistax jinghad li jkun hemm diffamazzjoni permezz tal-istampa (jew permezz ta' xi mezz iehor li ghalih tirreferi l-ligi)."

Anke f'din il-kawza, dak li gie rapportat kellu "*a sufficient basis in fact*", u din il-Qorti, allura, ma tarax li l-attur jista' jirnexxi fil-kawza tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Victor Camilleri billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Mejju, 2010, u wara li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------